Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Marzu 2017**
**(OR. fr)**

**6570/1/17**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0307 (COD)**

**CODEC 245**
**FRONT 91**
**VISA 75**
**SIRIS 35**
**COMIX 144**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2016/399 dwar it-tisħiħ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma' bażijiet ta' data rilevanti<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv (**AL + D**) |

1. Fis-16 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 77(2)(b) TFUE[2][3][4]

2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-16 ta' Frar 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[5].

1 dok. 15397/15.
2 F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
3 F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.
4 F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/192/KE, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
5 dok. 6342/17.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill li:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 55/16, bid-delegazzjoni Ungeriża tivvota kontra;

- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-Addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.